# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.10

## Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib

## Lezzjoni 4.10: Il-laqgħa tiegħi ma' Ġesù

**L-Għanijiet:**




**It-tfal:**

1. Jagħrfu l-aktar talb importanti tal-quddiesa.
2. Jitgħallmu t-talba ta' qabel it-tqarbin.
3. Jisimgħu l-istorja ta' kif ġiet din it-talba.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- L-istorja : Ġesù jfejjaq il-qaddej ta' ċenturjun.

  (Bibbja tat-tfal paġna 338).
- PowerPoint dwar it-Talb importanti tal-Quddiesa.
- Karta ta' Taħriġ 4.5.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jagħmlu meta jmorru l-quddies. Xi tweġibiet ser ikunu li jitolbu, jitqarbnu, u li jisimgħu l-Kelma t'Alla.
- Staqsi lit-tfal biex jaħsbu u jsemmu xi talb importanti li jgħidu waqt il-quddies. Għinhom jaslu għall-partijiet tal-Mulej ħniena, tal-Missierna, tal-Glorja, u tal-Kredu.
- Uża l-PowerPoint sabiex fil-qasir tispjega kull talba għaliex ngħiduha.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega li matul din il-parti tal-lezzjoni ser jisimgħu storja dwar ċenturjun li kien talab lil Ġesù jagħmillu xi ħaġa speċjali.
2. Irrakkonta l-istorja mill-Bibbja għat-tfal minn paġna 338.
3. Wara l-istorja staqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - X'talbu ċ-ċenturjun lil Ġesù?
   - Għaliex lil Ġesù ma ridux imur id-dar tiegħu?
   - Is-suldat kellu fidi f'Ġesù?
   - Ġesù rnexxielu jfejqu lis-suldat?
4. Wara dawn il-mistoqsijiet aqra l-kliem li qal iċ-ċenturjun lil Ġesù: *Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid biss kelma waħda u l-qaddej tiegħi jfiq.*
5. Staqsi lit-tfal jekk jiftakrux jekk qattx semgħu din it-talba. Meta ngħiduha? F'liema parti tal-quddiesa? (qabel it-tqarbin)
6. Staqsi:
   - Għaliex qallu hekk ċ-ċenturjun lil Ġesù? (kien jaf li Ġesù huwa tassew kbir u tajjeb li seta' jagħmel dak li talbu ċ-ċenturjun b'miraklu.)

- Għaliex ngħidu bħaċ-ċenturjun qabel ma nitqarbnu fil-quddiesa? (Inkunu qed ngħidu lil Alla li aħna nemmnu fil-qawwa tiegħu u fis-setgħa li għandu li jiġi ġo fina, lijfejjaqna mid-dnubiet bl-istess mod li huwa fejjaq lil-qaddej taċ-ċenturjun).

7. Uri t-talba li ngħidu qabel nitqarbnu u ħeġġeġ lit-tfal biex jgħiduha flimkien huma wkoll: *Mulej ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid biss kelma waħda u ruħi tkun imfejqa.*
8. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.5. Għinhom jimlew it-talba f'Attività 1 u jimlew il-kliem f'Attività 2.
9. Iddiskuti l-Attività Sam u Tara u uri kemm għandna nġibu ruħna sew meta nafu li Ġesù qiegħed magħna.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Bħaċ-ċenturjun, għandu jkollna fidi kbira f'Alla.
2. It-talba ta' qabel it-tqarbin hija talba importanti fejn aħna nuru lil Alla li nemmnu fih għax huwa jista' kollox. Iċ-Ċenturjun kien wera li jemmen ħafna f'Ġesù.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

1. It-tfal juru li Alla hu ħabib tagħhom u li jafdewh għax huwa kbir u tajjeb u jista' kollox.
2. It-tfal juru attitudni ta' prudenza u edukazzjoni meta jitolbu dak li jkollhom bżonn, kif għamel iċ-Ċenturjun.

Nitolbu

Mulej,

għinna biex bħaċ-ċenturjun inkunu edukati u nitolbu minn qalbna u nafdawk fil-bżonnijiet tagħna. Aħna nafu li inti tieħu ħsiebna u tipproteġina.



Grazzi Mulej.